REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 186/2014

tas-26 ta' Frar 2014

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 823/2012 fir-rigward tad-dati ta' skadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi etossisulfuron, ossadiarġil u warfarin

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE [1], u b'mod parikolari l-Artikolu 17(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 [2] ippospona l-iskadenza tal-perjodu ta' approvazzjoni għas-sustanzi attivi etossisulfuron, ossadiarġil u warfarin, kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 [3] sal-31 ta' Lulju 2016 sabiex jippermetti lill-applikanti jagħtu l-avviż tat-tlett snin meħtieġ skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

(2) Ma ġew ippreżentati ebda applikazzjonijiet għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi etossisulfuron, ossadiarġil u warfarin li jirrispettaw il-perjodu ta' avviż ta' tlett snin.

(3) Peress li ma ġew ippreżentati ebda minn dawn l-applikazzjonijiet, huwa xieraq li d-data ta' skadenza l-ġdida tiġi stipulata kmieni kemm jista' jkun wara d-data ta' skadenza oriġinali li ġiet stipulata qabel l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 823/2012.

(4) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 823/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) Nru 823/2012

L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 823/2012 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-Punt (1) jinbidel b'dan li ġej:

"(1) il-31 ta' Lulju 2016, fir-rigward tas-sustanzi attivi: l-etofumesat (entrata 29), l-imażamoks (entrata 41), l-ossasulfron (entrata 42), il-foramsulfuron (entrata 44), iċ-ċjażofammid (entrata 46), il-linuron (entrata 51), il-pendimetalina (entrata 53), it-triflossistrobin (entrata 59), l-etil tal-karfentrażon (entrata 60), il-mežotrion (entrata 61), il-fenamidon (entrata 62), u l-isossaflutol (entrata 63);".

(b) Għandu jiddaħħal il-punt (4) li ġej:

"(4) il-31 ta' Marzu 2014, fir-rigward tas-sustanzi attivi: etossisulfuron (entrata 43), ossadiarġil (entrata 45) u warfarin (entrata 120)."

[1] ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 823/2012 tal-14 ta' Settembru 2012 li jagħti deroga mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tad-dati ta' skadenza tal-approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-DB, l-aċidu benżojku, il-beta-ċiflutrin, l-etil tal-karfentrażon, ir-razza Coniothyrium minitans CON/M/91-08 (DSM 9660), iċ-ċjażofammid, iċ-ċiflutrin, id-deltametrina, id-dimetenammid-P, l-etofumesat, l-etossisulfuron, il-fenamidon, il-flażasulfuron, il-flufenaket, il-flurtamon, il-foramsulfuron, il-fostijażat, l-imażamoks, l-iodosulfuron, l-iprodion, l-isossaflutol, il-linuron, l-idrażidu malejku, il-mekoprop, il-mekoprop-P, il-mežosulfuron, il-mežotrion, l-ossadiarġil, l-ossasulfron, il-pendimetalina, il-pikossistrobin, il-propikonażol, il-propineb, il-propossikarbażon, il-propiżammid, il-piraklostrobin, is-siltofamu, it-triflossistrobin, il-warfarin u ż-żossammid (ĠU L 250, 15.9.2012, p. 13).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Frar 2014.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO